MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tas-6 ta' Lulju, 2007

Citazzjoni Numru. 120/2005

**Joseph Refalo**

**Vs**

**Lotto Receivers Union.**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni prezentata mill-attur fid-9 ta’ Dicembru 2005 li permezz taghha premetta illi:-

L-attur kien membru tal-Lotto Receivers Union, bejn it-12 ta’ April 1982 u l-4 ta’ Settembru 1994.

Illi matul dan il-perjodu kollu l-attur barra li kien ihallas il-mizata bhala membru tal-Union kien ukoll ihallas is-shubija Pension & Benefit Scheme biex meta jilhaq l-eta tal-pensjoni jiehu pensjoni minghand din il-Union.

Illi l-attur lehaq l-eta’ tal-pensjoni fl-1 ta’ Settembru 2003 u l-Union konvenuta minkejja diversi sejhiet qeghda tirrifjuta li thallas pensjoni lill-attur.

Ghalhekk l-attur talab lill-Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara li l-attur hallas is-shubija fil-Pension & Benefit Scheme bejn it-12 ta’ April 1982 u l-4 ta’ Settembru 1994.
2. Tiddikjara illi l-Union konvenuta hija tenuta thallas pensjoni lill-attur.
3. Tillikwida l-pensjoni li ghandha tigi mhallsa lill-attur mill-Union konvenuta.
4. Tikkundanna lill-Union konvenuta sabiex thallas din il-pensjoni kif likwidata.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet li giet prezentata fl-20 ta’ Jannar 2006[1] u li permezz taghha l-Lotto Receivers Union eccepiet:-

1. Illi fl-ewwel lok l-attur irid igib il-prova illi hallas s-shubija fil-Pension & Benefit Scheme ghall-perjodu kollu bejn it-tnax (12) ta’ April elf disgha mija u tnejn u tmenin (1982) u l-erbgha (4) ta’ Settembru elf disgha mija u erbgha u disghajn (1994).

2. Illi bla pregudizzju, it-talbiet ta’ l-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan peress minhabba l-fatt illi l-attur, kif stqarr hu stess waqaf ikun membru tal-Union konvenut diversi snin qabel ma lahaq l-eta’ tal-pensjoni u bhala konsegwenza mhux intitolat illi jithallas pensjoni minghand il-Union konvenuta kif sejjer jigi ampjament ippruvat fit-trattazzjoni ta’ din l-eccezzjoni.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti tal-kawza kollha nkluz id-dokumenti.

Rat il-verbal tas-seduta tal-21 ta’ Gunju 2007 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza wara li r-

[1] Fol. 9

rapprezentant tal-konvenut naqas milli jidher u jressaq provi.

Ikkunsidrat:-

1. Permezz ta’ dawn il-proceduri l-attur qieghed jitlob lill-Qorti sabiex tikkundanna lill-Lottor Receivers Union thallsu pensjoni.

2. Mill-atti jirrizulta li:-

(a) Bejn it-12 ta’ April 1982 u l-4 ta’ Settembru 1994 l-attur kien membru tal-Lotto Receivers Unions. L-attur kien jopera minn banka tal-lottu gewwa x-Xaghra, Ghawdex.
(b) L-attur issieheb mal-Union konvenuta minn meta beda jahdem bhala ricevitur tal-Lottu.
(c) Meta spicca mix-xoghol ta’ Lotto Receiver in kwantu ma kompliex jahdem bhala ricevitur, l-attur beda jahdem mal-Gvern bhala ufficjal tas-sigurta’ fl-Isptar ta’ Ghawdex. L-ahhar gurnata xoghol tieghu bhala ricevitur tal-Lottu kienet fit-3 ta’ Settembru 1994 (fol. 27) u dan wara li l-attur impjega ruhu mal-Gvern.
(d) L-attur kien hallas is-shubija tieghu mal-Union konvenuta matul it-tnax-il sena li dam jaghmel dan ix-xoghol, ghalkemm ipprezenta biss ricevuta tas-sena 1989.
(e) Min kien membru tal-Union, kien ihallas ukoll somma flus fis-sena bhala *Pension & Benefit Scheme* (ara fol. 18).
(f) L-attur ighid li ma kkonsultax l-Istatut tal-Union, madankollu peress li kien ghamel zmien ihallas kontribuzzjonijiet huwa jippretendi li ghandu dritt li jircievi pensjoni minghand il-Union konvenuta.
(g) Mal-eghluq ta’ 61 sena l-attur irtira mix-xoghol. Skond ix-xhieda moghtija mill-attur jirrizulta li hu rtira mix-xoghol fis-sena 2004.

3. Il-Qorti tistqarr li l-provi huma skarsi ghall-ahhar. Ghalkemm mill-provi rrizulta li l-attur ghamel xi snin ihallas

kontribuzzjoni ghal Pension & Benefit Scheme mal-Union konvenuta, mill-provi ma rrizultax li l-fatt li l-attur ghamel mis-sena 1982 sal-1994 jahdem bhala ricevitur tal-Lottu dan fih innifsu kien jintitolah ghall-hlas ta’ pensjoni minghand il-Union konvenuta. Lanqas ma rrizulta li l-fatt li ghamel zmien ihallas din il-kontribuzzjoni kien jintitolah li kif jirtira mix-xoghol jibda jircievi pensjoni minghand il-Union konvenuta minkejja li ma baqax jahdem bhala ricevutur tal-Lottu snin qabel ma rtira mix-xoghol. Huwa fatt li min jallega jrid jipprova; *“il-gudikant fil-kamp civili ghandu jiddeciedi fuq il-provi li jkollu quddiemu meta dawn jinducu fih dik ic-certezza morali li kull tribunal ghandu jfittex u mhux fuq semplici possibiltajiet; imma dik ic-certezza morali hija bizzejed bhala li hija bazata fuq il-preponderenza tal-probabiltajiet”* (**Eucharistico Zammit vs Eustrachio Petrococchino** deciza mill-Qorti ta’ l-Appell fil-25 ta’ Frar, 1952).

4. Kien jispetta lill-attur li jaghti prova li ghandu dritt li jircievi hlas ta’ pensjoni minghand il-Union konvenuta. Id-dikjarazzjoni li ghamel l-attur meta xehed fis-seduta tas-16 ta’ Jannar 2007 fis-sens li certu Benny Agius (segretarju tal-Union konvenuta) kien qallu li *“…minhabba l-perjodu ta’ tnax-il (12) sena li kien wiehed relattivament qasir, f’kull kaz kont inkun intitolat ghall-pensjoni mizera”* (fol. 16), m’hijiex prova sodisfacenti. Il-Qorti tistqarr li f’dan il-kaz ma tistax tghid li fuq il-bazi tal-provi prodotti hi moralment sodisfatta li l-attur issodisfa l-oneru tal-prova tieghu li ghandu d-dritt li jibda jircievi hlas ta’ pensjoni minghand il-Union konvenuta.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qeghda tichad it-talba tal-attur in kwantu naqas milli jressaq provi li ghandu xi dritt ghall-hlas minnu pretiz minghand il-Union konvenuta. Spejjez kontra l-attur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------